# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 14 ta' Marzu 2024.**

**Numru 11**

**Rikors numru 625/23/1**

**Medbiologix Company Limited (C-76516)**

**vs.**

**Ultramap Ltd (08349784), Enemalta plc (C-65836) u Direttur Ġenerali tal-Kuntratti**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq minn Medbiologix Company Limited kontra deċiżjoni mogħtija mill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi fl-10 ta' Novembru, 2023, li permezz tagħha l-Bord ikkonferma l-għotja tas-sejħa pubblika TD/DO/2782/2023 favur il-

kumpanija konvenuta Ultramap Ltd.

## Daħla

2. Fil-25 ta' Mejju, 2023, Enemalta plc ħabbret sejħa pubblika (TD/DO/2782/2023) bl-isem ta' *«Monitoring of Submarine Cable Between Malta and Sicily»*, b'valur stmat ta' €125,000, bit-taxxa fuq il-valur miżjud mhux meqjusa. L-iskop ta' din is-sejħa ġie mfisser hekk:

> *«Subsea cables are exposed to external factors which may disrupt the operation of power to our island during import or export. A proactive solution that reduces the risk of damage to the subsea cable efficiently and cost-effectively and to be monitored 24/7 is being considered.»*

3. L-oblaturi ekonomiċi interessati fis-sejħa kellhom jimlew formola fejn fiha huma kellhom jiddikjaraw jekk huma kinux sejrin joqogħdu mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li kienu qegħdin jintalbu fis-sejħa. Fost dawn l-ispeċifikazzjonijiet kien hemm il-partita bin-numru 2.4.13 li kienet taqra hekk:

| **2** | **Compliance** | **Specifications for the subsea cable critical monitoring software** | **Tenderer Response**<br><br>**(Confirm by "Yes" or state value as appropriate)** |
|---|---|---|---|
| **2.2.** | | **Monitoring** | |
| **2.4.13** | **M** | The supplier should have a dedicated 24/7 team which monitors the sea vessels activity and shall contact the sea vessel by any standard means to notify the crew about the location of the subsea cable. Enemalta will not contact the sea vessel as it has no authority to undertake such task. | |

4. B’kollox kien hemm dawn l-offerti b’dawn il-prezzijiet li ġejjin:

| **Economic Operator** | **Financial Offer Grand Total for 5 Years (exc. VAT)** |
|---|---|
| Ultramap Limited | 102,000 |
| Medbiologix Company Limited | 120,000 |
| GateHouse Maritime A/S | 126,430 |
| Medbiologix Company Limited | 245,000 |
| Medbiologix Company Limited | 620.000 |

5. Wara li ntemm il-proċess tal-għarbiel tal-offerti, l-Enemalta plc ħabbret fil-21 ta’ Awwissu, 2023, li kien qiegħed jiġi rakkomandat li l-kuntratt jingħata lil Ultramap Ltd bil-prezz ta’ €102,000.

6. Medbiologix Company Limited ma qablitx ma’ din l-għotja għax dehrilha li l-offerta mressqa minn Ultramap Ltd kienet baxxa wisq, meta mqabbla man-natura u mal-kriterji tal-kuntratt li kienu qegħdin jintalbu fis-sejħa. Għalhekk hija ressqet oġġezzjoni quddiem il-Bord ta’ Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi.

7. Il-Bord ta’ Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi żamm seduta fl-24 ta’ Ottubru, 2023 u għaliha dehru biss ir-rappreżentanti u l-avukati ta’ Medbiologix Company Limited, ta’ Ultramap Ltd u ta’ Enemalta plc.

8. B’deċiżjoni mogħtija fl-10 ta’ Novembru, 2023, il-Bord ta’ Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, iddeċieda l-każ hekk:

*«This Board, having noted this objection filed by Medbiologix Company Ltd (hereinafter referred to as the Appellant), on the 1st of September 2023. The objection refers to the claims made by the same appellant against Enemalta plc (herein after referred to as the Contracting Authority) regarding the tender listed as case No.1928 in the records of the Public Contracts Review Board.*

*The Board also noted the letter of reply by the Contracting Authority dated 11th September 2023, together with its verbal submissions during the hearing on the 24th October 2023, and the verbal submissions made by the representatives of preferred bidder during the hearing, as well as the testimony of Mr Miguel Castagna on behalf of the Appellant.*

*Finally, the Board took into consideration the Minutes of the hearing of the Board on the 24th October 2023 appended above.*

*Whereby,*

*The Appellant contended that:*

> *A. The Preferred Bidder did not provide a 24/7 dedicated team but a shared team.*
>
> *B. The offer of the Preferred Bidder was abnormally low.*

*The above was counter argued by the Contracting Authority as follows.*

> *A. The Preferred Bidder interpreted a 24/7 team as being exclusively dedicated to the monitoring referred solely to Enemalta. The tender is referring to a team doing the monitoring. The system being offered is a web-based system to monitor through a secure 24/7 automatic identification system, thus, there is no need for any input by an employee but a need to 'monitor' for vessels.*
>
> *B. The Appellant's bid was close to that of the Preferred bidder, difference being euro 18000 higher, in an estimated procurement value of the Tender of euro 125,000. The Tender was structured to lead an efficient result and makes a difference between a valid offer and one that is abnormally low.*

*After the Board considered the arguments and documentation from both parties, the testimonies of the witness and the preferred bidder's submissions, the Board opines that:*

> *On the 'dedication' argument, the logical relationship here is having 'many' people monitoring 'many cables' with the aid of software on a 24/7 basis. The recommended bidder is providing monitoring service surveilled 24/7 by a team of personnel. This team of 24-27*

> *people is monitoring several cables at any one point in time, circa 53 cables located around the world. Thus, the service is well dedicated and assures continuity. Along these lines, the financial bid was not calculated directly on man hours but took into consideration their experience on maintaining the type of cable in question while also taking note of the knowledge they hold on sea vessel activity, world wide. On the other hand, the Appellant has no direct experience in monitoring the particular type of cable in question.*
>
> *The argument that the Preferred bidders bid is abnormally low is not sustainable, considering that the bid is relatively close to that of the Appellant (15% difference}. Also taking into consideration that due to the fact that the Preferred Bidder has vast experience and is well involved in the field, can achieve better economies of scale.*
>
> *The Board concludes and decides that:*
>
> *a) Does not uphold the Appellant's Letter of objection.*
> *b) Upholds the Contracting Authority's decision.*
> *c) Directs that the deposit paid by the Appellant not to be reimbursed.»*

9. Medbiologix Company Limited appellat minn din is-sentenza fit-30 ta' Novembru, 2023 u talbet biex din il-Qorti tħassar id-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi u sabiex tibgħat l-atti lura lill-imsemmi Bord biex dan jiddeċiedi l-każ skont il-liġi.

10. Iż-żewġ aggravji li ġew imressqa huma dawn: (i) li l-offerta ta' Ultramap Ltd għandha tinqala 'l barra għaliex ma tipprovdix «*a dedicated 24/7 team*» kif mitlub fil-partita bin-numru 2.4.13 tas-sejħa; u (ii) li l-prezz wisq baxx tal-offerta ta' Ultramap Ltd huwa indikattiv li din ma setgħet qatt tipprovdi «*a dedicated 24/7 team*».

11. Enemalta plc wieġbet għal dan l-appell fit-22 ta' Diċembru, 2023 u

fir-risposta tagħha hija tat ir-raġunijiet tagħha għala dan l-appell għandu jiġi miċħud. Min-naħa l-oħra, id-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti wieġeb għal dan l-appell fis-23 ta' Diċembru, 2023 u fir-risposta tiegħu qanqal il-preġudizzjali li huwa ġie mdaħħal f'dan l-appell għalxejn minħabba li huwa la kien involut fit-tmexxija tas-sejħa inkwistjoni u lanqas ma kien parti fid-deċiżjoni appellata. Ultramap Ltd ma daħlitx risposta bil-miktub.

12. Inżamm smigħ fil-15 ta' Frar, 2024, fejn dehru l-avukati ta' Medbiologix Company Limited, ta' Enemalta plc u tad-Direttur Ġeneral tal-Kuntratti u r-rappreżentant ta' Ultramap Ltd.

13. Wara li din il-Qorti semgħet is-sottomissjonijiet bil-fomm, hija ħalliet il-kawża biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

14. Qabel tgħaddi biex tqis l-aggravji ta' Medbiologix Company Limited, huwa xieraq li din il-Qorti tistħarreġ il-**<u>preġudizzjali</u>** dwar il-leġitimazzjoni passiva tad-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti li ġiet imqajma minnu fir-risposta tal-appell tiegħu.

15. Fil-qosor, id-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti qed isostni li huwa ġie mdaħħal f'dan l-appell għalxejn, ġaladarba huwa la ħa ħsieb tat-tmexxija

tas-sejħa pubblika TD/DO/2782/2023 u lanqas ma kien parti fil-proċeduri quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, li minnhom sar dan l-appell tal-lum.

16. Din il-Qorti qiegħda tifhem li ladarba l-akkwist kien qiegħed isir mill-Enemalta plc, allura s-sejħa mertu ta' dan l-appell kienet regolata bid-dispożizzjonijiet tar-**Regolamenti dwar Akkwist Pubbliku ta' Entitajiet Li Joperaw fis-Setturi tas-Servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali (Leġislazzjoni Sussidjarja 601.05)**.

17. Kif rajna, fil-każ tagħna l-valur stmat tas-sejħa kien dak ta' €125,000. Għalhekk jgħodd hawnhekk ir-**regolament 30(1)(a)** tar-regolamenti fuq imsemmija, li jgħid, li l-proċess tal-akkwist ta' kuntratti pubbliċi, li l-valur stmat tiegħu jkun inqas minn €431,000 għandu jiġi maħruġ, amministrat jew stabbilit mill-awtoritajiet kontraenti mingħajr l-involviment tad-Direttur tal-Kuntratti. Sewwasew f'dan il-każ, jirriżulta li s-sejħa inkwistjoni ġiet maħruġa u amministrata mill-Enemalta plc bħala l-awtorità kontraenti mingħajr is-sehem tad-Direttur tal-Kuntratti.

18. Terġa' u tgħid, ir-**regolament 181** tar-**Regolamenti dwar Akkwist Pubbliku ta' Entitajiet Li Joperaw fis-Setturi tas-Servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali** jgħid li t-**Taqsima IX tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (Leġislazzjoni Sussidjarja 601.03)** għandha

tapplika *mutatis mutandis* (i.e. bil-bidliet meħtieġa) fejn għandu x'jaqsam ma' rimedji quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi u l-Qorti tal-Appell.

19. F'dan ir-rigward, ir-**regolament 285 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku** jipprovdi li r-rikors tal-appell għandu jkun indirizzat kontra l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa, l-awtorità kontraenti, l-offerent rakkomandat, jekk ikun hemm, u kull parti oħra involuta fil-proċeduri quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi.

20. Mill-atti tal-kawża jirriżulta li d-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti la kien involut fil-proċess tal-akkwist, la kien l-awtorità kontraenti u lanqas ma kien involut fil-proċeduri quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi.

21. Id-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti għalhekk għandu raġun jgħid li ma kellux ikun parti f'dan l-appell u minħabba f'hekk huwa qed jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju (ara f'sens simili s-sentenza ***General Cleaners Co. Ltd v. Dipartiment tal-Kuntratti et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-22 ta' Ġunju, 2022).

22. Deċiża dina l-preġudizzjali, din il-Qorti tista' tgħaddi minnufih biex tqis l-aggravji mressqa minn Medbiologix Company Limited.

23. Fl-**<u>ewwel aggravju</u>** tagħha, Medbiologix Company Limited targumenta li l-offerta ta' Ultramap Ltd mhijiex waħda tajba għaliex din ma offrietx «*a dedicated 24/7 team*» skont kif mitlub fil-partita bin-numru 2.4.13 tas-sejħa. Tisħaq f'dan ir-rigward, li kontra dak li qal il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, tim ta' madwar 24 u 27 persuna, li qiegħed jaħdem fuq 53 *cable* ta' klijienti differenti, ma jikkwalifikax bħala «*a dedicated 24/7 team*». Skont il-kumpanija appellanti l-kelma «*dedicated*» tfisser li t-tim ried ikun qiegħed jaħdem biss fuq il-*cables* marbuta ma' dan il-kuntratt u mhux fuq ħafna kuntratti differenti f'daqqa.

24. Il-kumpanija appellanti żżid tgħid ukoll li l-valur stmat tal-kuntratt ta' €125,000 messu ġie komunikat lill-partijiet minn qabel u mhux wara li għalaq iż-żmien għat-tfigħ tal-offerti għaliex tħoss li mhux sew li r-rekwiżiti tas-sejħa jiġu interpretati fuq valur stmat li ma kienx magħruf fiż-żmien li ntefgħu l-offerti.

25. Fl-aħħar nett, hija tgħid ukoll li mhux minnu dak li qalet Enemalta plc li skont is-sejħa, l-indukrar u l-għassa fuq il-*cables* kellha ssir biss permezz ta' «*a web-based system to monitor through a secure 24/7 automatic identification system*». Mod ieħor hija ssostni li dan l-indukrar kellu jsir ukoll minn persuni fiżiċi u mhux minn sistema awtomatika.

26. Din il-Qorti titlaq billi tgħid li huwa prinċipju stabbilit anke f'dan il-qasam tal-akkwist pubbliku, li l-piż tal-prova li offerta ma tkunx toqgħod mal-ħtiġijiet tas-sejħa taqa' fuq min ikun qiegħed jallega li dik l-offerta mhijiex tajba (ara ***Macri Joint Venture v. Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju, 2014). Bilkemm għandna għalfejn ngħidu, offerta ta' oblatur ekonomiku ma tistax tiġi mwarrba fuq is-saħħa ta' dubji jew ta' raġunijiet mistħajla li ma jkunux sostnuti minn provi dokumentarji jew orali (ara ***Quattro Labs Limited pro et noe v. Malta College of Art, Science and Technology et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' April, 2018).

27. Sfiq ma' dan, hemm ukoll il-prinċipju l-ieħor daqstant magħruf f'dan il-qasam, illi jekk offerent joffri biex jagħti servizz, ma hux meħtieġ li, fil-mument li jitfa' l-offerta, ikun mogħni bir-riżorsi, bil-liċenzji u bil-permessi kollha meħtieġa biex ikun jista' jwettaq l-obbligi li jkun daħal għalihom. L-importanti huwa li l-offerent jintrabat li jekk jingħata l-kuntratt iwettaq is-servizz skont il-ħtiġijiet tal-kuntratt (ara f'dan is-sens ***Kerber Securities Limited v. Wasteserv Malta Limited et*** deċiża fis-27 ta' Ġunju, 2014).

28. Tassew sakemm is-sejħa ma tinsistix prova li l-offerent għandu jkollu fil-pussess tiegħu dak kollu li huwa neċessarju u mitlub fis-sejħa sad-data li jagħmel l-offerta tiegħu (ara ***Waste Collection Limited v. Il-Bord tal-Appelli dwar Kuntratti Pubbliċi*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-

29 ta' Novembru, 2013), il-prinċipju ġenerali huwa li mhuwiex meħtieġ li offerent, meta jitfa' l-offerta tiegħu, jipprova li huwa f'qagħda li jwettaq dak li obbliga ruħu li jwettaq (ara ***Cherubino Limited v. Dipartiment tal-Kuntratti et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Ottubru, 2017 u ***Davico Limited v. Princess Operations Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2022).

29. Tali prinċipju huwa konformi mal-ħtieġa illi l-kundizzjonijiet tas-sejħa għandhom jaġevolaw u mhux joħonqu l-kompetizzjoni ħielsa. Dan fis-sens li l-akkwist pubbliku m'għandux ikun ristrett biss għal dawk l-operaturi ekonomiċi li ġa għandhom f'idejhom ir-riżorsi meħtieġa biex ikunu jistgħu jwettqu l-kuntratt; iżda għandu jkun miftuħ ukoll għal dawk l-operaturi ekonomiċi li jintrabtu li jakkwistaw dawk ir-riżorsi jekk kemm-il darba huma jingħataw il-kuntratt (ara ***Leone Grech v. Jobsplus et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2023).

30. Minħabba f'hekk, kif ingħad fis-sentenza ***Melchiore Dimech v. Ministeru għall-Finanzi u Xogħol et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru, 2023, jekk l-offerent huwiex kapaċi jew għandux l-attribwiti meħtieġa biex iwettaq il-kuntratt, huwa immaterjali fil-mument tal-evalwazzjoni u l-aġġudikazzjoni tal-offerti. Dan għaliex kif tajjeb intqal mill-Qorti Suprema tal-Kanada fis-sentenza ***Double N Earthmovers Limited v. Edmonton (City)***, **2007 SCC 3** deċiża fil-25 ta' Jannar 2007,

imsemmija minn din il-Qorti fis-sentenza ***Joe Micallef & Son Express Skip Services Limited v. Id-Direttur tal-Anzjani u Kura fil-Komunità et*** mogħtija fis-27 ta' Ġunju, 2014, «*To impose a duty on owners (contracting authorities) to investigate whether a bidder will comply with the terms of its bid would overwhelm and ultimately frustrate the tender process by creating unwelcome uncertainties*.»

31. Kompla jiżdied jingħad fl-istess sentenza, «*There is no reason why the parties would expect an owner (contracting authority) to investigate whether a bidder will comply, when each bidder is legally obliged to comply in the event its bid is accepted. Whether or not the bidder is, at the time of tender, capable of performing as promised is irrelevant in light of the bidder's legal obligation to do so once its bid is accepted.*»

32. Dejjem fuq it-tagħlim ta' din is-sentenza, «*The best way to make sure that all bids receive the same treatment is for an owner to weigh bids on the basis of what is actually in the bid, not to weigh them on the basis of subsequently discovered information*.»

33. Sewwasew fil-każ tagħna, Ultramap Ltd indikat fl-offerta tagħha (ara paġna 91 tal-atti tal-kawża) li hija kienet qiegħda tintrabat li tħares il-ħtieġa mandatorja msemmija f'partita 2.4.13, dwar is-servizz ta' «*a dedicated 24/7 team*» jekk kemm-il darba tingħata l-kuntratt. Fl-offerta

tagħha m'hemm xejn li jmeri din id-dikjarazzjoni u għalhekk din il-Qorti tqis li l-kumitat tal-għażla għamel sew li straħ biss fuq din id-dikjarazzjoni.

34. F'dan il-kuntest huwa minnu dak li ssostni l-kumpanija appellanti li l-frażi «*a dedicated 24/7 team*» tagħti 'l wieħed x'jifhem li t-tim tal-offerent magħżul għandu jiżgura li jkollu tim speċifiku li huwa mixħut b'mod sħiħ fuq indukrar wieħed ta' *cables*. Dan għaliex huwa naturali li ma jistax ikollok tim iddedikat erba' u għoxrin siegħa kuljum fil-ġimgħa, fuq il-*cables* mertu ta' din is-sejħa, jekk fl-istess waqt dak it-tim ikollu jieħu ħsieb ukoll li jgħasses *cables* ta' kuntratti oħra.

35. B'daqshekk iżda ma jfissirx li l-offerta ta' Ultramap Ltd mhijiex konformi mal-ħtiġijiet tas-sejħa għaliex dak li jiswa huwa x'qalet Ultramap Ltd fl-offerta tagħha. Kif għedna fl-offerta tagħha hija indikat li ħa tipprovdi «*a dedicated 24/7 team*» u għalhekk għall-għanijiet tal-għarbiel tal-offerti din id-dikjarazzjoni hija biżżejjed biex l-offerta tagħha titqies bħala waħda konformi, ladarba fid-dokument tas-sejħa ma ntalabx li l-offerent għandu jipprova li sad-data tat-tfigħ tal-offerta huwa ġa kellu tim lest li seta' jaħdem bih b'mod esklussiv fuq il-*cables* mertu ta' dan il-kuntratt. Issa jekk Ultramap Ltd tiffirma l-kuntratt u ma tkunx kapaċi illi tipprovdi dak li ntrabtet illi tagħti, hija tkun trid twieġeb għan-nuqqasijiet tagħha.

36. Bħalma ngħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Alistair Bezzina v.***

***St. Vincent De Paul Long Term Care Facility et*** deċiża fil-25 ta' Frar, 2021, ladarba l-oblatur iffirma d-dikjarazzjoni opportuna, allura l-awtorità kontraenti m'għandhiex għalfejn tagħmel verifiki ulterjuri. Kemm-il darba mbagħad jirriżulta li waqt l-eżekuzzjoni tal-kuntratt, il-kuntrattur ma jkunx qed jonora l-obbligi tiegħu jew b'xi mod qed jonqos u/jew joffri servizzi inferjuri, imbagħad iva, l-awtorità kompetenti għandha l-obbligu li tiżgura li l-kundizzjonijiet tal-kuntratt jiġu onorati, u fin-nuqqas tieħu l-passi kollha meħtieġa u opportuni, inkluż infurzar u saħansitra wkoll terminazzjoni tal-kuntratt, bil-ħlas tad-danni li jġib magħhom.

37. Il-kumpanija appellanti iżda tilmenta wkoll mill-fatt li l-valur stmat tal-kuntratt ġie mħabbar wara li ntefgħu l-offerti u mhux qabel.

38. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan l-ilment.

39. Jissokta jingħad li skont ir-**regolamenti 28 *et sequitur*** tar-**Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (L.S. 601.03)** u r-**regolament 47 *et sequitur*** tar-**Regolamenti dwar Akkwist Pubbliku ta' Entitajiet Li Joperaw fis-Setturi tas-Servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali (L.S. 601.05)**, awtorità kontraenti hija marbuta li tagħti stima tal-kuntratt li hija beħsiebha toħroġ għall-kompetizzjoni pubblika. Il-liġi trid li dan il-valur stmat għandu jkun validu fil-mument li fih tintbagħat is-sejħa għall-kompetizzjoni.

40. Il-Qorti tqis li l-liġi teħtieġ li awtorità kontraenti tagħti valur stmat tal-kuntratt li hija beħsiebha tagħti lill-privat u dan: (i) sabiex jiġi verifikat jekk dak il-kuntratt partikolari għandux ikun regolat b'xi waħda mil-liġiijiet li jirregolaw l-akkwist pubbliku; (ii) sabiex jiġi stabbilit liema entità pubblika għandha tmexxi u tamministra dak l-akkwist; (iii) sabiex ikun jista' jinħareġ l-avviż dwar l-għoti ta' kuntratt fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea; (iv) sabiex wieħed jippjana minn qabel in-neqfa li sejra ssir għal dak il-kuntratt ħalli b'hekk wieħed jara jekk dik l-entità pubblika għandhiex biżżejjed flejjes jew fondi biex tidħol għal dak il-kuntratt; u (v) sabiex ikun hemm għamla ta' kontroll fuq in-nefqa li sejra ssir ħalli jiġi żgurat li l-Gvern ma jonfoqx iżżejjed jew aktar milli jmissu fuq prodott, xogħol jew servizz partikolari.

41. Il-liġi ma tgħidx jekk dan il-valur stmat għandux ikun mikxuf għall-pubbliku malli tiġi mħabbra s-sejħa. L-istess liġi lanqas ma tgħid li l-awtorità kontraenti ma tistax iżżomm għaliha l-valur tal-kuntratt kif stmat minnha. Ifisser għalhekk li għalkemm bil-liġi hemm l-obbligu li jiġi maħdum il-valur stmat tal-kuntratt fil-mument li tiġi mħabbra l-kompetizzjoni pubblika, min-naħa l-oħra ma hemm xejn fil-liġi li ġġiegħel lill-awtorità kontraenti li tabilfors trid ixxandar fil-beraħ dan il-valur stmat tagħha.

42. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Schembri Barbros Limited et v. Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma et*** deċiża fil-31 ta' Jannar, 2019, jekk il-valur stmat jiġi ppubblikat minn qabel ikun hemm ir-riskju kbir li offerenti joffru l-istess prezzjijiet eżatt u b'dan il-mod l-Awtorità kontraenti tiġi f'qagħda li ma tkunx tista' tagħżel aktar liema hi l-aqwa offerta. B'dan il-mod, wieħed ikun ukoll qed iwaqqa' l-okkażjonijiet tagħha li tirċievi offerti li jkunu anqas minn dak il-valur stmat u b'hekk titlef iċ-ċans li tikseb kuntratt b'valur li jkun vantaġġuż għaliha.

43. Il-fatt għalhekk li ma jiġix mikxuf il-valur stmat tal-kuntratt huwa siewi u meħtieġ ħalli b'hekk jiġi mħares il-kunċett tal-kompetizzjoni wiesa' f'sejħiet pubbliċi. Huwa minn ewl id-dinja, li jekk l-awtorità kontraenti tindika minn qabel il-prezz li hija kellha f'moħħha biex tonfoq għal dak il-kuntratt speċifiku, allura l-probabbiltà kbira tkun li l-oblaturi ekonomiċi kollha jixħtu offerta b'dak il-prezz indikat mill-awtorità kontraenti jew għallinqas prezz li jkun qrib ħafna ta' dak il-valur stmat.

44. Jekk il-valur stmat tal-kuntratt jiġi żvelat minn qabel, l-operaturi ekonomiċi ma jibqgħux f'qagħda li jaħdmu l-offerta tagħhom fil-libertà għaliex żgur u mhux forsi huma jkunu influwenzati li jaħdmu l-prezz tagħhom fil-parametri tal-valur stmat kif indikat mill-awtorità kontraenti. B'dan il-mod, il-kompetizzjoni ma tibqax aktar ħielsa anzi tiġi mfixxkla.

45. Jiġi b'hekk li din il-Qorti ma tarax li hemm xi ħaġa ħażina jew irregolari jekk il-valur stmat tal-kuntratt ma jiġix imxandar fil-mument li tiġi mħabbra s-sejħa pubblika. Anzi jaf ikun tabilħaqq għaqli li dan il-valur stmat ma jinkixifx ħalli b'hekk ikun hemm kompetizzjoni pubblika aktar miftuħa u aktar ħielsa.

46. Din il-parti tal-ilment tal-kumpanija appellanti qiegħda għalhekk tiġi miċħuda wkoll.

47. Fl-aħħar parti ta' dan l-ewwel aggravju tagħha, il-kumpanija appellanti targumenta illi mhux minnu dak li qalet Enemalta plc li l-indukrar u l-għassa fuq il-*cables* kellha ssir biss permezz ta' «*a web-based system to monitor through a secure 24/7 automatic identification system.*» Mod ieħor hija ssostni li dan l-indukrar kellu jsir minn persuni fiżiċi u mhux minn sistema awtomatika.

48. Din il-Qorti tqis li jekk għandhiex raġun l-Enemalta plc jew il-kumpanija appellanti dwar jekk is-*software* għandux jitħaddem b'mod awtomatiku jew b'mod manwali huwa irrilevanti għaliex kif ingħad aktar kmieni Ultramap Ltd indikat fl-offerta tagħha li hija kienet lesta li tipprovdi tim dedikat 24/7 u għalhekk dan għandu jinftiehem li Ultramap Ltd qiegħda tintrabat li sejra tipprovdi tim ta' persuni biex jieħdu ħsieb tas-*software*.

49. L-ewwel aggravju tal-kumpanija appellanti għalhekk qiegħed jiġi miċħud kollu kemm hu.

50. Ngħaddu issa għat-**<u>tieni aggravju</u>**, fejn il-kumpanija appellanti qiegħda tallega li l-offerta ta' Ulltramap Ltd hija baxxa wisq. Tinsisti li l-prezz ta' Ultramap Ltd huwa tant baxx, li dan bilfors jindika li Ultramap Ltd mhijiex ħa tkun tista' twettaq il-kuntratt skont il-ħtiġijiet u l-ispeċifikazzjonijiet mitluba fil-partita numru 2.4.13 tas-sejħa.

51. Din il-Qorti tibda billi tgħid li t-tema ta' offerti baxxi b'mod mhux normali tinsab regolata bir-**regolament 243** tar-**Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (L.S. 601.03)** u bir-**regolament 174** tar-**Regolamenti dwar Akkwist Pubbliku ta' Entitajiet Li Joperaw fis-Setturi tas-Servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali (L.S. 601.05)**.

52. Skont dawn iż-żewġ regolamenti, l-awtorità kontraenti ma tistax taqbad u tiskwalifika offerta fuq il-bażi li din hija baxxa wisq, bla ma tagħti minn qabel, l-opportunità lil dak l-oblatur ekonomiku biex jispjega il-prezz jew l-ispejjeż proposti fl-offerta. Fil-fatt mhux l-ewwel darba li deċiżjonijiet ta' skwalifika ta' offerti minħabba li dawn kienu baxxi wisq, ġew imħassra minħabba li l-awtorità kontraenti mxiet bit-twarrib tal-offerta mingħajr ma tat il-fakultà lill-oblatur ekonomiku jfisser il-prezz tiegħu (ara ***Dimbros***

***Limited v. Alfred Galea et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru, 2015).

53. Ġie mfisser mill-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza ***Belfass SPRL v. Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea***, deċiża fil-21 ta' Mejju, 2008, li huwa essenzjali li kull offerent, li huwa ssuspettat li ppreżenta offerta anormalment baxxa, ikollu l-possibbiltà li jsostni b'mod effettiv l-fehma tiegħu f'dan ir-rigward, billi tingħatalu l-possibbiltà li jipprovdi l-ġustifikazzjonijiet kollha fuq id-diversi elementi tal-offerta tiegħu f'mument li fih għandu għarfien mhux biss tal-limitu ta' anomalija applikabbli għall-kuntratt inkwistjoni u tal-fatt li l-offerta tiegħu dehret anormalment baxxa, iżda wkoll tal-punti preċiżi li wasslu għall-istħarriġ mill-awtorità kontraenti. B'dan il-mod tiġi evitata l-pożizzjoni arbitrarja tal-awtorità kontraenti u fl-istess waqt tiġi ggarantita kompetizzjoni b'saħħitha bejn l-impriżi.

54. Interessanti ħafna li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza ***Tax-Fin-Lex d.o.o. v. Ministrstvo za notranje zadeve*** mogħtija fl-10 ta' Settembru, 2020, saħanistra qalet li l-awtorità kontraenti lanqas m'għandha s-setgħa li tiċħad minnufih offerta bi prezz propost ta' EUR0.00, jekk qabel ma tikkonsultax mal-offerent dwar il-prezz tiegħu. Fiha ngħad hekk:

> *«l-awtorità kontraenti għandha tevalwa l-informazzjoni pprovduta billi tikkonsulta lill-offerent u tista' tiċħad tali offerta biss jekk il-provi*

*prodotti ma jispjegawx b'mod sodisfaċenti l-livell baxx tal-prezz jew tal-ispejjeż proposti.*

*L-evalwazzjoni ta' din l-informazzjoni għandha, barra minn hekk, issir b'osservanza tal-prinċipji ta' ugwaljanza u ta' nondiskriminazzjoni bejn l-offerenti, kif ukoll ta' trasparenza u ta' proporzjonalità, li huma imposti fuq l-awtorità kontraenti, skont l-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2014/24.*

*Għaldaqstant, huwa fil-kuntest ta' eventwali applikazzjoni tal-Artikolu 69 tad-Direttiva 2014/24 li għandu jiġi evalwat l-argument ta' offerent li jkun ippreżenta offerta bil-prezz ta' EUR 0.00, li jgħid li l-prezz propost fl-offerta tiegħu huwa spjegat mill-fatt li għandu l-intenzjoni li jikseb l-aċċess għal kuntratt ġdid jew għal referenzi, jekk din l-offerta tiġi aċċettata.*

*Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li l-punt 5 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/24 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jikkostitwixxix bażi legali ta' ċaħda tal-offerta ta' offerent fil-kuntest ta' proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku, għas-sempliċi raġuni li l-prezz propost fl-offerta huwa ta' EUR 0.00. Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:*

*Il-punt 5 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE, kif emendata bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2365 tat-18 ta' Diċembru 2017, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jikkostitwixxix bażi legali ta' ċaħda tal-offerta ta' offerent fil-kuntest ta' proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku, għas-sempliċi raġuni li l-prezz propost fl-offerta huwa ta' EUR 0.00.»*

55. F'dan il-kuntest wieħed ma jistax jeskludi l-fatt li l-akkwist pubbliku jista' jkun ta' benefiċċju għall-oblatur ekonomiku mhux biss mil-lat ta' profitt immedjat, iżda anke mil-lat ta' reputazzjoni u ta' esperjenza tal-istess oblatur fid-dinja kummerċjali (ara ***Kerber Securities Ltd v. Wasteserv Malta Ltd et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Lulju, 2014). Wara kollox il-qligħ mhuwiex bilfors l-uniku fattur wara s-sehem ta' oblatur ekonomiku f'sejħa pubblika.

56. M'għandniex għalfejn ngħidu però, li prezz li jkun tant baxx li l-oblatur jagħmel telf flok qligħ, jaf ikun indikazzjoni li l-prezz huwa baxx b'mod mhux normal. Dan iżda kif ingħad fis-sentenza ***Star Fuels Limited v. WasteServ Malta Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Jannar, 2024, ma jfissirx li għandha bilfors titwarrab dik l-offerta. Kif ingħad qabel, jaf ikun hemm fatturi oħra li jafu jiġġustifikaw il-prezz fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Dawn il-fatturi jistgħu jitqiesu biss wara li l-awtorità kontraenti tqis l-ispjegazzjoni li bil-liġi għandha teżiġi hekk kif tara li l-prezz jidher baxx wisq.

57. Il-mistoqsija għalhekk li trid twieġeb f'dan l-istadju din il-Qorti mhijiex jekk l-offerta ta' Ultramap Ltd hijiex daqshekk baxxa li għandha titwarrab, iżda jekk l-offerta tagħha hijiex daqshekk baxxa illi teħtieġ spjegazzjoni.

58. Fis-sentenza ***X Clean Limited v. Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità et*** deċiża fil-21 ta' Awwissu, 2021, il-Qorti tal-Appell qalet li huwa aktar loġiku li l-prezz tal-offerta jitqabbel mal-prezz stmat mill-awtorità kontraenti milli mal-prezz tal-ogħla offerta. Dan għaliex il-prezz stmat huwa msejjes fuq riċerka dwar il-kundizzjonijiet tas-suq u għandu għalhekk jitqies bħala realistiku.

59. Din il-Qorti taqbel ukoll ma' din il-fehma, *viz*. li biex awtorità

kontraenti tiddeċiedi jekk offerta hijiex daqshekk baxxa illi teħtieġ spjegazzjoni skont ir-**regolament 243** tar-**Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (L.S. 601.03)** u/jew ir-**regolament 174** tar-**Regolamenti dwar Akkwist Pubbliku ta' Entitajiet Li Joperaw fis-Setturi tas-Servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali (L.S. 601.05)**, hemm bżonn li wieħed iqabbel l-offerta mal-valur stmat tal-kuntratt.

60. Fis-sentenza ***X Clean Limited v. Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità et*** fuq imsemmija, il-Qorti tal-Appell qieset li offerta li hija 17.58% inqas mill-valur stmat tal-kuntratt, fiha differenza li hija sostanzjali biżżejjed biex tobbliga lill-awtorità kontraenti titlob mingħand l-oblatur it-tagħrif imsemmi fil-liġi u tagħmel l-eżerċizzju li trid il-liġi qabel tiddeċiedi jekk għandhiex tagħtih il-kuntratt. Aktar riċentament fis-sentenza ***Star Fuels Limited v. WasteServ Malta Limited et*** tat-22 ta' Jannar, 2024, ukoll ġa fuq imsemmija, il-Qorti tal-Appell qalet li offerta li hija 12% inqas mill-valur stmat tal-kuntratt, kienet ukoll teżiġi spjegazzjoni dwar il-prezz, hekk kif titlob il-liġi.

61. Imħaddem dan kollu għall-każ li għandna llum, din il-Qorti tqis li l-prezz tal-offerta ta' Ultramap Ltd huwa ta' €102,000, filwaqt li l-valur stmat tal-kuntratt huwa ta' €125,000. Dan ifisser li l-prezz ta' Ultramap Ltd huwa 18.4% inqas mill-valur stmat tal-kuntratt. Differenza ta' din ix-xorta tixħet obbligu fuq l-awtorità kontraenti li titlob spjegazzjoni dwar dan il-prezz

mingħand Ultramap Ltd skont ir-**regolament 174** tar-**Regolamenti dwar Akkwist Pubbliku ta' Entitajiet Li Joperaw fis-Setturi tas-Servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali (L.S. 601.05)**.

62. B'daqshekk din il-Qorti mhijiex qiegħda tgħid illi l-prezz ta' Ultramap Ltd għandu jiġi mwarrab għax huwa baxx b'mod mhux normali. Li qiegħda tgħid din il-Qorti huwa biss li l-prezz ta' Ultramap Ltd huwa baxx biżżejjed, illi dwaru hemm bżonn spjegazzjoni u verifika skont il-liġi qabel mal-awtorità kontraenti tgħaddi biex tagħtiha l-kuntratt.

63. F'dan is-sens għalhekk it-tieni aggravju ta' Medbiologix Company Limited qiegħed jiġi milqugħ.

64. Il-konsegwenza tal-ilqugħ ta' dan l-aggravju mhuwiex kif qed titlob Medbiologix Company Limited li l-atti jintbagħtu lura lil Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi; il-konsegwenza iżda hija li titħassar kemm id-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, kif ukoll id-deċiżjoni tal-għażla tal-oblatur, biex minflok terġa' ssir għażla ġdida wara li Enemalta plc tesiġi u tqis l-ispjegazzjoni mingħand Ultramap Ltd li jrid ir-**regolament 174** tar-**Regolamenti dwar Akkwist Pubbliku ta' Entitajiet Li Joperaw fis-Setturi tas-Servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali (L.S. 601.05)**.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti wara li teħles lid-Direttur

Ġenerali tal-Kuntratti mill-ħarsien tal-ġudizzju, qiegħda **tilqa'** l-appell ta' Medbiologix Company Limited u bħala riżultat qiegħda tħassar kemm is-sentenza tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi tal-10 ta' Novembru, 2023, kif ukoll qiegħda tħassar l-għoti tal-kuntratt lil Ultramap Ltd. Minflok il-Qorti qiegħda tordna li l-atti għandhom imorru lura għand l-awtorità kontraenti sabiex din terġa' tagħmel għażla ġdida wara li titlob u tivverifika l-ispjegazzjoni ta' Ultramap Ltd dwar il-prezz tagħha, kif jitlob ir-**regolament 174** tar-**Regolamenti dwar Akkwist Pubbliku ta' Entitajiet Li Joperaw fis-Setturi tas-Servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali (L.S. 601.05)**.

Il-Qorti tordna wkoll illi d-depożitu mħallas minn Medbiologix Company Limited biex setgħet tressaq l-oġġezzjoni tagħha quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi jintradd lura lilha.

Fl-aħħar nett tordna li l-ispejjeż tal-appell għandhom jitħallsu minn Enemalta plc, ħlief dawk tad-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti li għandhom jitħallsu minn Medbiologix Company Limited.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da